**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Supt. Trevor Micallef)**

**vs**

**Jean Paul Ellul**

**Illum 25 ta' Frar 2021**

**Kumpilazzjoni numru: 449/2019**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Jean Paul Ellul, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 26286(M) billi huwa akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer nhar it-18 ta' Frar 2019 fil-hdax ta' filghodu (11:00a.m) f'Qasam iz-Zghir, Limiti tal-Qrendi u/jew fil-vicinanzi:

Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja fil-periklu car, ikkaguna ferita ta' natura gravi fil-gisem ta' missieru Saviour Ellul (Art 214, 216, 222(1)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

Billi huwa akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku, bl-ghajjat u bil-glied (Art 338(dd) Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

Il-Qorti giet gentilment mitluba illi f'kaz ta' htija tipprovdi ghal garanzija ta' Saviour Ellul skond l-Artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol. 84*) datata 16 ta' Gunju 2020 li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

- Fl-artikoli 214; 215; 216; u 222(1)(a) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
- Fl-artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
- Fl-artikoli 17; 31; 382A; 383; 384; 385; 386; 412C; 412D; 532A; 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi waqt l-udjenza tas-7 ta' Lulju 2020 (*a fol. 87)* gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fis-16 ta' Gunju 2020, u f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti;

Semghet ix-xhieda;

*XHIEDA*

F'dan il-process xehdu tnax (12) -il xhud kif gej:

Saviour Ellul (*a fol* 18 et. seq.); PS 1434 Mario Mercieca (*a fol* 33 et. seq.); PC 233 Daniel Vassallo (*a fol* 36 et. seq.); Catherine Ellul (*a fol* 40 et. seq.); Mandy Ellul (*a fol* 53 et. seq.); Spettur Trevor Micallef (*a fol* 55 et. seq.); Dr. Edward Cherubino (*a fol* 61 et. seq.); Dr. David Cassar (*a fol* 73 et. seq.); Dr. Patrick Galea (*a fol* 75 et. seq.); Dr. Michela Frendo (*a fol* 80 et. seq.); Dr. Martina Hohmann (*a fol* 81 et. seq.); Jean Paul Ellul (*a fol* 88 et. seq.).

Stante li x-xhieda tinstab traskritta m'hemmx il-bzonn li din tkun riprodotta kollha f'din is-sentenza izda se ssir referenza ghal punti li huma importanti biex ikun trattat u deciz dan il-kaz.

Is-**Supretendent Trevor Micallef**[1] (*a fol* 55 et. seq.) xehed li:

> *Fit-tmintax (18) ta' Frar ta' din is-sena (2019) f'xi ħin waranofsinhar kien infurmani s-Surġent 1434 Mario Mercieca illi kien daħallu rapport u qalli, l-ewwel kien daħallu minn Jean Paul Ellul. Dan kien qed jallega li missieru li kellu xi problemi miegħu dak iż-żmien, waqt li kien għaddej bit-trakk Jean Paul Ellul, missieru kien qiegħed fit-triq, ipprova jwaqqfu però dan baqa' sejjer, baqa' sejjer fil-post fejn jgħix. Wara ftit beda jisma' xi għajjat ġej minn barra li kien missieru. Dan marret omm Jean Paul biex tipprova twaqqfu u tkeċċih 'il hemmhekk, però dan baqa' jgħajjat u baqa' jhedded; ħareġ Jean Paul Ellul biex jara x'ġara, dan imbuttah missieru u ovvjament kellu jimbuttah lura, dan waqa' u mbagħad telaq 'il hemmhekk, qal li skont hu ma kien ġara xejn iktar minn hekk.*

[1] Seduta tat-12 ta' Diċembru 2019

*Missieru, Saviour Ellul, imbagħad ipproduċa ċertifikat mediku fejn għall-ewwel kien ta lill-pulizija wieħed li kien qed ibagħti minn ġrieħi ta' natura ħafifa, però mbagħad ipproduċa wieħed magħmul mit-tabib David Cassar fejn kien qed jgħid li kellu xi ksur f'idejh.*

Ix-xhud **<u>Dottor Patrick Galea</u>**[2] (*a fol* 75 et. seq.) xehed li:

*Mela niċċertifika li dan iċ-ċertifikat ħareġ minni fit-tmintax (18) ta' Frar elfejn u dsatax (2019) fis-siegħa neqsin għaxra ta' wara nofsinhar (12:50pm) ġol-Health Centre ta' Ħal Kirkop fejn hemmhekk rajt lill-pazjent Saviour Ellul bl-ID card numru 812557M residenti l-Qrendi. Kellu żewġ (2) feriti ċirka nofs ċentimetru (0.5cm) fuq l-għajn tan-naħa tax-xellug fuq in-naħa tat-tarf li kellhom bżonn steristrips biex jingħalqu, barxa u ftit ġilda mitlufa fuq in-naħa tal-widan tan-naħa tax-xellug, u tbenġila fuq id-driegħ tan-naħa tax-xellug. Bħala natura tal-ġrieħi ċċertifikajthom bħala li huma ħfief.*

Ix-xhud **<u>Dr David Cassar</u>**[3] (*a fol* 73 et. seq.) xehed:

*Ix-xhud: Jien rajt lil Mr Ellul fit-tmintax (18) ta' Frar tal-elfejn u dsatax (2019) fid-disgħa ta' filgħaxija (9:00pm). Ġie l-emerġenza, eżaminajtu, kellu daqsxejn nefħa fil-minkeb tax-xellug. Għamilnielu X-ray [...] Bażikament ir-rapport jgħid illi hemm daqsxejn qasma fl-għadma żgħira fil-ġog tal-minkeb. Peress li kien miksur jiġi bħala grievous peress li hemm qasma fl-għadma.*

*Il-Qorti: Issa l-qasma fl-għadma kemm iddum biex tfiq minnha?*

[2] Seduta tal-24 ta' Jannar 2020
[3] Seduta tal-24 ta' Jannar 2020

*Ix-xhud: Xi sitt (6) ġimgħat.*

*Il-Qorti: Jiġifieri din mhux permanenti? Jiġifieri tfiq minnha...*

*Ix-xhud: Iva, iva.*

*Il-Qorti: Ok. Għandek xi mistoqsija oħra Spettur?*

*Pros: Jekk jistgħax ikun hemm konsegwenzi li ma jkunx jista' jgħix normali minħabba din il-ħaġa li ġratlu?*

*Ix-xhud: Le.*

It-**<u>Tabiba Dottoressa Michela Frendo</u>**[4] (*a fol* 80 et. seq.) xehdet

*Jiena eżaminajt il-patient wara li daħal mill-Casualty fid-dsatax (19) ta' Frar tat-two thousand nineteen (2019), b'uġigħ f'sidru u ħassejt li l-uġigħ kellu x'jaqsam ma' ansjetà li kellu argument mat-tifel tiegħu u għalhekk kien muġugħ u ma dehrilx li dan l-uġigħ kien as such mill-qalb imma relatat mal- ansjetà. Infatti l-għada bgħattu d-dar jiena.*

It-**<u>Tabiba Dottoressa Martina Hohmann</u>**[5] (*a fol* 81 et. seq.) xehdet li:

*Ix-xhud: Li ġie l-isptar b'uġigħ f'sidru wara li kien hemm allegatament altercation mat- tifel.*

*Il-Qorti: Daqshekk biss. Imbagħad x'irriżulta? Jiġifieri uġigħ f'sidru biss, ma kien hemm xejn –*

*Ix-xhud: u, eħe, imbagħad kellu l-follow up appointment.*

[4] Seduta tal-5 ta' Marzu 2020
[5] Ibid

*Il-Qorti: Jiġifieri ma kienx hemm xi ferita jew xi ħaġa – ?*

*Ix-xhud: Jiena m'eżaminajtux; jiena just għamilt l-ittra; so ma nistax nattesta għal daqshekk.*

L-espert tal-Qorti **<u>Dottor Edward Cherubino</u>**[6] (*a fol* 61 et. seq.) xehed li:

*Ic-certifikat mahrug minn Dr David Cassar fl-18 ta' Frar 2019, kien rapurtat bhala gravi minhabba l-possibbilta' ta 'għadma zghira miksura; Nikkonferma li l-ferita rrapputata minn Dr Patrick Galea kienet fieqet kompletament u ma halliet ebda marki; Ezaminajt l-widna tax-xellug ta' Saviour Ellul u nikkonferma li l-ferita rrappurtata minn Dr Patrick Galea kienet fieqet kompletament u ma halliet ebda marki; Ezaminajt l-id ix-xellugija ta' Saviour Ellul u nikkonferma li hemm nefha zghira fil-minkeb tax-xellug fuq il-medial epicondyle, konsistenti ma' Golfer's Elbow, li kultant ikun ta' ugigh meta taghfas; Nikkonferma li Saviour Ellul ghandu flessjoni u estensjoni, kif ukoll pronation u supination shiha tal-minkeb tax-xellug u qawwa shiha fl-istess id. Nikkonferma li l-ghadma miksura hija daqshekk zghira li ma trrizulta fl-ebda dizabilita' permanenti ta' Saviour Ellul, u n-nefha tal-minkeb tax-xellug tista tkun*

[6] Seduta tal-24 ta' Jannar 2020

*rizultat tal-istess ksur jew minhabba strapazz zejjed fl-uzu normali tal-kujum tal-istess minkeb.*

KONSIDERAZZJONIJIET GENERALI

**<u>Il-verita' storika</u>**[7]

L-akbar sfida li jkollu kull Ġudikant hi li huwa jkun jixtieq dejjem jasal li jiskopri l-verita storika. Dan peress li l-evidenza li jkollu quddiemu kemm dik diretta, kif ukoll u, a maggior ragione, dik indiretta, mhux dejjem neċessarjament iwasluh għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid kif ukoll fil- gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur għaliex il-Qrati mhux dejjem ikunu f'qagħda li jikxfu l-verita storika mix-xiehda tax-xhieda li jixhdu quddiemhom. U f'kull każ, il-Qorti ma għandhiex il-fakulta u s-setgħa li tidħol fil- profondita' tal-moħħ, qalb u kuxjenza tax-xhud li jkun xehed quddiemha b'mod li tkun tista' tistabbilixxi ċ-ċertezza assoluta ta' dak li jkun qed jaħseb u jgħid billi taqralu moħħu u qalbu.

Mill-banda l-oħra l-evidenza indiretta, dik li tistrieħ prinċipalment fuq iċ-ċirkostanzi u li tkun bażata fuq l-analiżi taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, għalkemm mhix giddieba, tista' tkun qarrieqa. Huwa għalhekk li dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-massima li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun

[7] Ara spjega dettaljata tal-Imhallef Aaaron Bugeja fl-Appell Kriminali numru 237/2017 Il-**Pulizija vs Massimo Bonello** deciz 6 ta' Frar 2020

is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun inevitabbilment univoka. Ċjoe li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni waħda biss. U xejn ħliefha. Għax altrimenti, din it-tip t'evidenza tista' tiżvijja lil Ġudikant mir-riċerka tiegħu tal-verita.

Il-Liġi penali ma teħtieġx li biex persuna tiġi misjuba ħatja tkun trid tiġi stabbilita s-suffiċjenza probatorja taċ-ċertezza assoluta, u dan għaliex Qorti rari ħafna tista' tkun konfrontata b'dan il-livell ta' prova. Fil-Liġi Maltija, bħal dawk li jsegwu l-proċedura penali imnisla mis-sistema Anglo-Sassoni, huwa biżżejjed li Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-provi imresqa mill-Prosekuzzjoni, u li ma jkunux ġew newtralizzati fuq bażi ta' probabbilta' mid-Difiża, sabiex tkun tista' ssib ħtija.

Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli stabbiliti tal-evidenza fi proċedimenti penali, ċjoe l-***Law of Evidence***. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fuq il-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sa' dak il-grad ta' prova, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut, in kwantu f'din l- eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar u tkun tista' ssib ħtija fl-akkużat.

Iżda jekk mill-banda l-oħra Qorti tkun teħtieġ prova teknika jew xjentifika u għalhekk tkun teħtieġ ħila jew sengħa speċjali, tkun teħtieġ li tiġi magħmula perizja minn persuni kwalifikati fil-qasam partikolari li tkun tolqot dik il-prova. Fis-sistema penali Malti, mhux ammess li tiġi prodotta

xiehda esperta ex parte. Il-periti nominati mill-Qorti, jitħarku bħal xiehda oħra, u huma mistennija li fl-aħħar tal-perizja tagħhom jipproduċu rapport, bil-fomm jew bil- miktub, lill-Qorti li tkun ħatrithom. Dawn ix-xiehda esperti jistgħu jixhdu dwar il-fatti u ċirkostanzi mistħarġa minnhom u li fuqhom ikunu bażaw ir-rapport tagħhom. Konsegwentement, a differenza ta' xiehda oħra, jistgħu jesprimu opinjoni fuq il-materja teknika li għaliha huma jkunu ġew maħtura. Fil-qadi ta' din il-mansjoni, dawn ix-xiehda jridu jaħilfu r-rapport tagħhom u meta jixhdu huma jagħmlu dan bil-ġurament.

Fattur ieħor importanti msemmi fil-Liġi Maltija huwa li meta dawn il-periti, matul ix-xogħol tagħhom ikunu ħadu informazzjoni mingħand persuni oħra fuq ċirkostanzi ta' fatt, dawn il-persuni għandhom jissemmew fir-rapport u jridu jiġi mismugħin fil-Qorti bħal kull xhud ieħor – dment pero li l-perit ma jkunx semgħa lil dawn ix-xiehda hu stess u bil-ġurament skont dak imsemmi fl- artikoli 650(5) tal-Kodiċi Kriminali. Eċċezzjonalment pero, jekk il- Qorti tħoss il-ħtieġa li dawn ix-xiehda jinstemgħu xorta waħda tista' tordna li jinstemgħu quddiemha. Dan jista' jiġri wkoll fuq talba tal- imputat.

Imbagħad, dik il-Qorti wara li tkun għarblet kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta, biex tkun tista' ssib ħtija fl-imputat, il-Qorti tkun trid tkun żgura moralment, sure bl-Ingliż u fis-sistema Legali Ingliż,[8] li l-każ seħħ skont kif tkun qed

[8] **R v Majid**, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2

tipprospetta l-Prosekuzzjoni in bażi għall- provi ammissibbli li jitresqu quddiemha.

Il-grad ta' suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ fis-sistema Ġuridiku Malti sabiex Qorti ta' ġustizzja kriminali tkun tista' ssib persuna akkużata ħatja ta' reat. Huwa livell li ma' jeħtieġx iċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet. Fil-każ Ingliż **Majid**,[9] Lord Moses stqarr hekk :

> *Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.*

Inoltre, fil-ktieb tagħhom **The Modern Law on Evidence**, Adrian Keane u Paul McKeown[10] jgħidu s-segwenti :

> *In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is*

[9] ibid.
[10] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

*guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.*

Sabiex tara jekk dan il-livell ta' suffiċjenza probatorja intlaħaqx din il-Qorti trid, inter alia, tara jekk u safejn persuna tkun qed tixhed is- sewwa bil-prinċipji provduti lilha fl-artikolu 637[11] tal-Kodiċi Kriminali. Jekk il-Qorti tqis li, applikati dawn il-prinċipji, xhud ikun qiegħed jixhed is-sewwa, allura tkun tista' toqgħod fuq dak li jkun qed jgħid jew fuq parti minn dak li jkun qed jgħid skont il-każ. Jispetta dejjem lil min ikun irid jiġġudika l-fatti jiddeċiedi jekk, applikati dawn il-prinċipji, jemminx xhud f'dak kollu li jkun qed jgħid jew safejn jemmen minn dak li jkun qed jgħid, u dan japplika wkoll meta x-xhud ikun xhud waħdieni tal-fatti allegati.

Huwa biss meta jkun hemm id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, u fuq stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l- argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża li jwassal sabiex dak il-livell ta prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni jkun jista' jingħad li ma ntlaħaqx u li allura, bħala konsegwenza, l-akkużat ikun irid jiġi dikjarat mhux ħati tal- akkużi miġjuba kontrih.

Biss, kif intqal aktar il-fuq, hija l-Liġi stess li, qabel xejn, tafda dan l-eżerċizzju f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati, u dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati tkun fl-aħjar qagħda tqis il-provi kollha għax tkun għexet

[11] Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 jipprovdi gwida cara lill-Gudikant kif ghandu japprezza xhieda ta' xhud: *id-deċiżjoni titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda tiegħu, u jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal- każ.*

personalment il-proċess quddiemha. Hija setgħet tara u tisma' lix- xiehda jixhdu quddiemha. Dan l-eżerċizzju ta' analiżi tax-xiehda huwa mħolli prinċipalment f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati li tkun rat u semgħet dawn ix-xiehda quddiemha u għalhekk l-eżerċizzju tal-analiżi u apprezzament tal-provi mill-Qorti tal-Maġistrati stess huwa eżerċizzju importanzi ħafna u ghandu jinghata l-piż li jixraqlu.

Kemm dan l-eżerċizzju tal-Qorti tal-Maġistrati huwa meħtieġ, joħroġ ukoll mill-ġurisprudenza Maltija, bħal fil-kawża Il-**Pulizija vs Lorenzo Baldacchino** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal- Appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti : -

> Lanqas hu traskurabili l-fatt li l-ewwel Qorti kienet impressjonata bil-mod serju u sod li bih xehdet din Consiglia kif hemm rikordat fis-sentenza stess. Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (demeanour) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara **Powell, On Evidence**, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "*great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived*" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "*he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination*".

**Ikkunsidrat:**

Kif diga' ddikjarat aktar 'l fuq kuntrarjament ghall-kamp civili fejn min iressaq pretensjoni ikun irid jipprova tali pretensjoni fuq bilanc ta'

probabiltajiet, il-livell ta' prova fil-kamp kriminali huwa wiehed pjuttost oneruz fuq il-Prosekuzzjoni. Il-Prosekuzzjoni ghandha l-obbligu li hija tressaq l-ahjar prova biex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati lill-imputat jew imputati huma veri. Dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890): *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit"*.

Kif kellha l-opportunita` tiddikjara din il-Qorti kif preseduta fi pronuncjamenti precedenti, sabiex imputat jigi ddikjarat hati, l-imputazzjoni dedotta ghandha tigi pruvata *oltre* kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni. Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 il-Qorti taghmilha car li mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li "*dubju jkun dak dettat mir-raguni*". F' sentenza ohra moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz **Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "*proof beyond a reasonable doubt*":

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

Il-fatti li jista' jkun hemm kunflitt fil-provi m'ghandux a priori jeskludi sejbien ta' htija ghall-akkuzi li jkunu gew dedotti. Kif inghad fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Graham Charles Ducker**, deciza fid-19 ta' Mejju 1997: *"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one".* F'tali sitwazzjoni l-Qorti tkun obbligata timxi mal-linji gwida stabbiliti mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Martin Mark Ciappara** jew il-Gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ppruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timpronta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghall-piena jew ghal xi provvediment iehor.

L-istess linja ta' hsieb giet espressa mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** moghtija fit-2 ta' Frar 2012:

> *"Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja. Fil-kawza* ***Pulizija vs. Joseph Thorn*** *deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet '... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx' (ara wkoll* ***Repubblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino*** *19 t' Ottubru 2006)."*[12]

Maghmulin dawn l-esposizzjonijiet generali li huma ta' rilevanza ghal kull kaz, izda b'mod partikolari ghall-kaz odjern, il-Qorti sejra issa tghaddi biex tevalwa r-reati li bihom qieghed jigi akkuzat l-imputat, s-sottomissjonijiet ta' difiza li qajjem l-imputat u jekk tali akkuzi irrizultawx ippruvati.

[12] Ara wkoll **Il-Pulizija vs. Patrick Mangion et** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Michele sive Michael Fenech** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Mohammed Mansur Ali** (deciza fl-24 ta' Jannar 2013), **Il-Pulizija vs. Mario Pace** (deciza fis-6 ta' Frar 2013) u **Il-Pulizija vs. Hubert Gatt** (deciza fil-11 ta' Lulju 2013); **Il-Pulizija vs Raymond Cassar** (deciza fit-13 ta' Jannar 2016).

## <u>Id-difiza ta' legittima difeza</u>[13]

Illi l-imputat qiegħed iqajjem din id-difiza ta' legittima difeza kif ikkontemplata fl-Artikolu 224 tal-Kap 9. Illi kif huwa ben saput, il-gustifikazzjoni ghall-legittima difesa tirrizulta meta persuna tilqa' b'forza l-vjolenza jew aggressivita' ta' persuna ohra diretta lejha jew lejn terzi, kontra liema persuna hekk aggressiva l-agir tad-difensur imputat huwa dirett. Fil-fatt l-Artikolu 223 tal-Ligijiet ta' Malta, jghid: '*Ma hemmx reat meta omicjidju jew offiza fuq il-persuna huma ordnati jew permessi mill-ligi jew mill-awtorita' legittima, jew mehtiega mill-bzonn attwali tad-difiza legittima ta' wiehed innifsu jew ta' haddiehor.*'

Illi jigi rilevat li d-dritt tal-legittima difeza jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fundamentali ta' kull bniedem li jipprotegi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu anke bl-uzu ta' forza. Izda l-ligi timponi certi kundizzjonijiet biex din l-eccezzjoni tigi milqugha, cioe' it-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew perikolu jrid ikun ingust, gravi u inevitabbli. Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara rreparabbli lid-difensur jigifieri hsara jew offizi fil-hajja, gisem u/jew partijiet tal-gisem tad-difensur. Vuoldieri li dak li ghamel l-imputat, ghamlu, peress li f'dak il-mument u cioe' fl-istat mentali li kien ma setghax jevita l-perikolu li setgha rrizulta bl-agir tal-agressur salv b'dak li ghamel l-imputat. Ghalhekk, kif jghid il-

[13] Il-Qorti se tibbaza l-analizi taghha dwar dak deciz mill-Imhallef Edwina Greima meta kienet qeghda tiddeciedi l-Appell Kriminali Appell Nru: 175/2015 fil-kaz fl-ismijiet il-**Pulizija vs David Farrugia** deciz fis-26 ta' Mejju, 2016

Professur Mamo, il-perikolu ghandu jkun attwali, istantaneo u assolut u b'hekk mhux perikolu premeditat. Il-Professur Mamo jghid:

> *'The danger against which the accused reacted should be viewed not necessarily as it was in truth and in fact, but rather as the accused saw it at the time.'*

Illi wiehed irid ipoggi lilu nnifsu fil-posizzjoni li jkun fiha l-imputat kemm mentalment kif ukoll fizikament, fil-mument meta l-istess imputat agixxa ghar-reazzjoni li kien infaccjat biha, u cioe' l-hsieb tieghu li kien ser jigi aggredit. Huwa importanti li l-perikolu jkun attwali mhux imminenti kif jghid u jispjega Antolisei:

> *"Occorre infine che l'aggressore abbia creato per il direttopreso di mira un pericolo attuale. Il codice Zanardelli parlava di pericolo 'imminente' dando luogo a molte incertezze. Con la nuova formula (pericolo attuale) si e voluta porre in rileva che la situazione pericolosa deve esistere nel momento del fatto. Periocolo attuale e il pericolo presente' (Manuale di Diritto Penale - Parte Generale - pg. 261).'*

Illi fis-sentenza Il-**Pulizija vs Toni Micallef** - Vol XXIX pv iv pg. 734, deciza fis-16 ta' Ottubru, 1937, il-Qorti qalet sabiex jissussisti l-legittima difesa hemm bzonn li wiehed ikun agixxa biex jirrespingi xi hsara li kienet sejra ssir fuq il-persuna tieghu minn perikolu mminenti ta' aggressjoni; liema aggrassjoni trid tkun ingustqa, gravi u inevitabbli.

Din tkun ukoll il-linja mehuda fil-gurisprudenza Taljana kif konfermata f'sentenza moghtija mill-Corte di Cassazione di Roma tal-25 ta' Frar, 1978 (Analizi della Gurisprudenza Italiana (1878) Parte Penale – pg. 56) *"Che*

*difatto, a costruire lo stato di legittima difesa nell' agente, e mesteri che questo si trova sotta l'attuale minaccia d'un male ingiusto, grave ed inevitabile."*

Illi f'dan ir-rigward, il-ligi Skocciza hija simili hafna, fil-fatt kif gie deciz fl-**HM Advocate vs Kizileviczius** 1983 JC (A Casebook of Scottish Law) pg. 347 – li:

> *"To reach the firstly result, that is to say the result of complete acquittal, you must be satisfied of two things. The first of these is that the accused was in imminent and immediate danger of his own life, he must have had reasonable grounds for apprehension, he must have had reasonable grounds for apprehension for his won safety, and his alarm must have satisfied two things. The first of these is that the accused was in imminent and immediate danger of his own life, he must have had reasonable grounds for apprehension for his own safety, and his alarm must have been well founded and there must have been no other means of escaping form the danger to which he was subjected. The second point that you must be satisfied that the means which he took to overcome the assaults were necessary."*

Ghalhekk sabiex jissussisti d-difiza ta' legittima difesa jrid ikun hemm dawn it-tlett elementi li l-aggressjoni tkun ingusta, gravi u inevitabbli. Rigward l-ewwel element u cioe' li l-aggressjoni trid tkun ingusta, mhuwiex necessarju li jkun hemm vjolenza ghaliex il-Kodici jitratta biss fuq 'offiza'. Skond Antolisei *'l'oggetto dell'attacco deve essere un diritto'.* Rigward il-gravita o meno tal-azzjoni, Manzini fil-ktieb tieghu Trattato di Diritto Penale (parte generale pg. 358) jghid: *'La gustificante dell articolo 52* (li jikkorrispondi mal-artikoli 223 fil-kaz taghna) *non e affatto condizionale*

*alla irreparabilita' del danno richiede soltanto che condizionale alla irreparabilita' del danno ma richiede soltanto che siavi un pericolo attuale e' d'ingiusta attesa'.*

Illi l-Professur Mamo jghid:

> *'The act of defence must have been done only in order to avoid consequences which, if they had followed would have inflicted upone the person 'irreparable' evil and the law consideres as 'irreparable' and consequently gave, that evil which threatens the life, the limbs, the body or the chastitiy of an indicidual. The gravity of the aggression must be understood in relation to the defensive reaction and to the means at the disposal of the agent.'*

Illi dwar il-kwistjoni tal-inevitabliltia' fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-hmistax ta' Frar, 1958 fl-ismijiet il-**Pulizija vs Emily Zarb**, il-Qorti tenniet li fost l-elementi li huwma mehtiega biex tigi akkrodata l-iskriminanti tal-legittima difesa hemm l-fattur tal-inevitabilita', u minghajr il-konkors ta' dan il-fattur ma jistghax jighata din l-iskriminanti. Infatti f'analizi della Gurisprudenza Italiana (pt. 4, pg. 32 – Roma – 25/01/1898) gie deciz li: *'Per averci la legittima difesa non basta che vi sia il grave ed imminente pericolo della persona, ma e anche necessario che essa non posa evitarsi in altro mod che col ferire ed uccidere l'aggressore.'*

Illi sabiex il-perikolu jfisser 'situazione inevitabile', il-perikolu jrid ikun 'sudden' u cioe' li l-imputat ma kienx jaf bil-perikolu ghaliex f'kaz li l-perikolu kien anticipat b'certezza, ma kienx ikun hemm legittima difesa izda provokazzjoni. Irid ikun attwali u cioe' li l-aggressjoni tkun diretta lejn il-vittma necessitas est lex. Fil-fatt gie deciz fis-sentenza il-**Pulizija vs Joseph Micallef** (Vol. XXXIX pg.1072) li:

*'Id-dispozizzjoni tal-ligi li tiskuza lill min jikkaguna offiza lill-persuna ohra in difesa tal-propjeta' tal-feritur tirrikjedi li l-azzjoni, biex tkun skuzabbli ghandha tizvolgi ruhha dak il-mument stess li tkun qieghda tigi nvaza l-propjeta' u in difesa attwali taghha';*

**<u>Id-difiza tal-provokazzjoni</u>**

Illi l-imputat qed jissolleva ukoll l-iskriminanti tal-provokazzjoni a tenur ta'l-artikolu 227(c) tal-Kapitolu 9. Fost ir-rekwizti sabiex tapplika dina l-iskuzanti hemm illi l-provokazzjoni trid tkun tali *"illi f'nies ta' temperament ordinarju komunement iggib l-effett li ma jkunux kapaci li jqiesu il-konsegwenzi tad-delitt."*

Skond il-Professur Mamo il-provokazzjoni tkun sufficjenti jekk tkun tali li bniedem ta' temperament ordinarju jitlef il-kontroll tieghu. Il-kriterju ghalhekk huwa wiehed oggettiv; il-bniedem ta' temperament ordinarju. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Paul Abela</u>** [14]gie deciz:

> "Meta tigi biex tqies l-iskuza tal-provokazzjoni ghandha tithares ir-regola migjuba fl-artikolu 235, li jfisser li l-provokazzjoni ma tiswiex jekk ma tkunx saret fil-waqt ta'lazzjoni li taghha tingieb bhala skuza. Pero' dejjem irid ikun hemm provokazzjoni ingusta il-gurista **Francesco Antolisei** in konnessjoni ma' l-attenwanti generali tal-provokazzjoni ighid hekk:

[14] Deciz mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali nhar l-10 ta' Settembru 2004

*"la situazione psicologica di cui trattasi 3 deve essere determinata da un fatto ingiusto altrui. Non occorre che tale fatto costituisca reato e neppure che sia giuridicamente illecito; basta che sia ingiusto dal punto di vista morale. Percio' l attenuante dovra' ammettersi anche di fronte ad un comportamento legittimo che assuma carattere provocatorio per le modalita' esose o anche semplicemente sconvenienti con cui si effetua, o per ragioni che lo hanno determinato (rancore, odio, vendetta, iattanza, dispetto ecc.) Quanto alla reazione non si richiede che sia proporzionata al fatto ingiusto"*[15]

Illi ghalhekk hemm zewg elementi li isawru dana l-iskuzanti u cioe' fl-ewwel lok, il-provokazzjoni trid tkun wahda ingusta u trid tkun oggettivament riskontrabbli u fit-tieni lok trid tkun saret filwaqt ta' l-azzjoni li taghha tingieb bhala skuza.

Il-parte civile **Saviour Ellul**[16] (*a fol* 18 et. seq.) xehed li:

*Kont Imqabba Road, Qrendi, miexi fuq il-bankina jien, kont sejjer lejn id-dar, u mbagħad kif imxejt qisu tul hawn, forsi naqra iktar ħarġet Catherine Ellul mill-ghalqa u bdiet tghajjat ... Ħarġet mill-ghalqa tghajjatli, jiena dort biex nara xi trid u bdiet tghajjat u tiġġieled miegħi, is-soltu, jiġifieri din anke fl-awla ghamlitha din l-biċċa xogħol, aħseb u ara barra … imbagħad ħareġ Jean Paul Ellul mill-għalqa, U qalli, "int lili trid tghidli xi ħaġa?" Qalli, ghax jien ma nibżax minnek." U beda jimbuttani u qabad itini. Beda jimbuttani minn sidri …B'sidru, imbagħad b'idejh. Imbagħad qabad itini bil-ponn. Dakinhar kont*

[15] Antolisei F. Manuale di Diritto Penale – Parte Generale Giuffre Milano 1989 pg.394 -397
[16] Seduta tal-31 ta' Ottubru 2019

*ghaddej nimxi fuq il-bankina jien. U mbagħad qabad itini, tefaghni f'nofs it-triq, itini bil-ponn, Imbagħad xħin tefaghni fit-triq itini bil-ponn, tefaghni mal-art u beda jtini biż-żarbun, safety shoes, bis-sieq f'idi. U b'hekk ikkaġunali ksur.*

*Jiena mbagħad minn hemmhekk jiena kont kollni demm ghax jiena kelli ħafna ġrieħi ġo wiċċi ukoll u jiena u sejjer lejn id-dar ċempluli l-pulizija u qalli li, "ġara xi ħaġa? Xi inċident?" Ghidtlu, "iva," ghidtlu, "jiena spiċċajt qlajt xebgha minghand it-tifel fit-triq," u qaluli, "issa niġu fejnek." U ġew fejni –*

*Dr Marion Camilleri: Tista' tispjega lill-Qorti bejn l-għalqa u d-dar tiegħek –*

*Ix-xhud: kemm hemm boghod?*

*Dr Marion Camilleri: Kemm hemm distanza bejniethom?*

*Ix-xhud: Forsi ħames minuti bil-mixi.*

*Dr Marion Camilleri: U inti kemm ilħaqt imxejt qabel ma ċemplulek il-pulizija?*

*Ix-xhud: Kont kważi ħa nasal, ċempluli l-pulizija kont ghadni fit-triq jien, ċempluli l-pulizija mbagħad fit-triq, jiena kont kollni demm, imbagħad ġew il- pulizija jiġifieri ghandi u qalli biex immur il-polyclinic. U ghidtlu li qlajt xebgha minghand it-tifel.*

*Dr Marion Camilleri: Issa, wara li inti mbagħad mort il-polyclinic u irrilaxxawlek dak iċ-ċertifikat, minn hemmhekk x'ghamilt?*

*Ix-xhud: Imbagħad mort id-dar erġajt jien, imbagħad stennejt, ġiet it-tifla f'xi l- ħamsa ta' filgħaxija (~ 5.00 p.m.). imbagħad xħin ġejt mill-clinic, intfajt id-dar ghax tawni biex naghmel is-silġ f'idejja ghax hemmhekk ma ħadulix x-rays, kemm ghamluli l-punti f'wiċċi biss, fuq ghajnejja. Imbagħad ġiet it-tifla mix-xogħol f'xi l-ħamsa (~ 5.00) u bdiet taghmilli s-silġ u hekk jien jiġifieri ghax jiena lanqas stajt nieħu ħsieb lili nnifsi kif ġejt b'idejja miksura. Imbagħad filgħaxija ma stajtx norqod; hi telghet torqod u jiena ppruvajt norqod ukoll. Imbagħad filgħaxija kelli niddaħħal l-isptar nerġa' ghax bdejt nitrieghed u nħossni ħażin.*

*[…]*

*Dr Matthew Brincat: Mela, Sur Ellul, fit-tmintax (18) ta' Frar nghidlek sew li inti rajt lil Jean Paul ghaddej bit-trakk mghobbi?*

*Ix-xhud: Le, ma rajtux ta.*

*Dr Matthew Brincat: Jekk nghidlek li inti rajtu ghaddej bit-trakk u bdejt taghmillu s-sinjal biex jieqaf, qabel ma mar l-għalqa?*

*Ix-xhud: Le, ma rajtux.*

*Dr Matthew Brincat: Mhux vera xejn dan.*

*Ix-xhud: Le, ma rajtux.*

*Dr Matthew Brincat: Issa, jekk nghidlek li inti – din l-għalqa mdawwra b'ħajt, naqblu?*

*Ix-xhud: Fiha ħajt.*

*Dr Matthew Brincat: U fiha xatba.*

*Ix-xhud: Fiha xatba ukoll.*

*Dr Matthew Brincat: U meta mort riesaq lejha, ix-xatba kienet maghluqa, naqblu?*

*Ix-xhud: Eħe, kienet maghluqa.*

*Dr Matthew Brincat: Sewwa. U naqblu wkoll li wara x-xatba kien hemm ommu u hu?*

*Ix-xhud: Wara x-xatba ma naf min kien hemm. Issa, jekk kienu ghassa tiegħi, ma nafx jien.*

*Dr Matthew Brincat: Nghid sew li inti xxabbatt mal-ħajt u bdejt tghajjatlu, "Ejja oħroġ! Ejja oħroġ!"*

*Ix-xhud: Le, le, le. Mhux veru. Jiena miexi fuq il-bankina kont. Le, jien miexi fuq il-bankina kont.*

*Dr Matthew Brincat: Ghalfejn, tista' tghid lill-Qorti ghal liema raġuni jekk id-dar kienet ħames minuti 'l boghod, ghal liema raġuni kont miexi lejn din ix-xatba?*

*Ix-xhud: Le, le, jien kont ghaddej fuq il-bankina. Bilfors irrid nghaddi minn fuq il- bankina ghax in-naħa l-oħra –*

*Dr Matthew Brincat: Tista' tghidilna xi skop - ?*

*Ix-xhud: In-naħa l-oħra m'hemmx bankina.*

*Dr Matthew Brincat: Kellek xi skop partikolari ghalfejn kont qiegħed miexi f'dik id- direzzjoni?*

*Ix-xhud: Le, le, ġieli nghaddi –*

*Dr Matthew Brincat: passiġġata jiġifieri.*

*Ix-xhud: Le, mhux passiġġata; jien ġieli nghaddi nimxi minn hemm. Mhux l-ewwel darba.*

*Dr Matthew Brincat: Mela ghidilna x'kienet? X'kienet l-intenzjoni.*

*Ix-xhud: Jien kullimkien nghaddi nimxi hu. Minn fuq il-bankina kont ghaddej, ghax il-faċċata lanqas hemm bankina, u l-bankina qiegħda n-naħa tal-għalqa.*

*Dr Matthew Brincat: Ngħid sew li l-ewwel ma ħarġet tilqghek kienet il-mara tiegħek?*

*Ix-xhud: Mhux tilqagħna; ħarġet tghajjat, ghax jien kont ġie mxejt 'il boghod. Kont ġià mxejt tul hawn jew iktar.*

*Dr Matthew Brincat: Jiġifieri inti qed tghidilna li inti kont miexi u ħarġet tghajjatlek il-mara.*

*Ix-xhud: Eħe, eħe.*

*Dr Matthew Brincat: S'issa kien ghadu ma nqala' xejn hu.*

*Ix-xhud: Mhux hekk!*

L-imputat **<u>Jean Paul Ellul[17]</u>** (*a fol* 88 et. seq.) xehed :

[17] Seduta tas-7 ta' Lulju 2020

*Kont għaddej bit-trakk hemmhekk jiena u erġajt rajtu, qed ngħid erġajt rajtu għax ma kinitx l-ewwel darba, għalhekk qed ngħidlek, fhimt? Erġajt rajtu għaddej mit-triq jimxi, jiena kont ġej minn naħa waħda u hu kien sejjer direzzjoni oħra bil-mixi, l-istess triq, sewwa, hu direzzjoni u jien direzzjoni opposta. Kif rani għamilli s-sinjal biex nieqaf u jiena bqajt sejjer ovvjament nerġa' ngħidlek għax ġià kien hemm darba oħra li ġie għalija. U bqajt sejjer, ma waqaftx, bqajt sejjer għax dan hemm daħħal l-avukat bejnietna u għidt jiena m'għandix għalfejn inkellmu … U waqqafni, u insomma bqajt sejjer. Kif rani li bqajt sejjer, hu dawwar bil-mixi u ġibed għal warajja għax jiena ftit metri 'l bogħod oħra kont se nieqaf biex nistenna fil-queue biex narmi. Jiġifieri dan ġimgħat qabel, xahar eżatt qabel kien ġie ġie għalija hemmhekk fil-queue, tela' għalija ġot-trakk u qabad il-pala għalija ġot-trakk, għalhekk qed ngħidlek din mhix l-ewwel darba, biex tingħaqad naqra l-biċċa tax-xogħol.*

*Difiża: Speja daqsxejn fejn kont se tieqaf u x'kont se tagħmel?*

*Ix-xhud: Ftit metri 'l bogħod kont ħa nieqaf jiena fil-queue biex narmu, limiti ta' Lapsi, hemm barriera biex narmu l-materjal, allura peress li kien ikun hemm il-queue dak iż-żmien konna niefqu hemmhekk nistennew. Allura kien ikollu ċ-ċans jiġi u jitla' jaħsadni jitla' fil-gabina għalija. Dan ġrat eżatt xahar qabel, fit-tmintax (18) ta' Jannar, hemm ir-rapport.*

*[…]*

*Hemm ir-rapport u tlajna l-Qorti ukoll. U flok waqaft narmi, għidt din ħa terġa' tiġri bħal l-aħħar darba, bqajt sejjer, mgħobbi, jiġifieri jien ma waqqaftx biex narmi, bqajt sejjer mgħobbi, bqajt sejjer l-Imqabba fejn*

*inżomm it-trakk, l-għalqa ta' ommi, ġewwa Imqabba Road, u daħħalt it-trakk mgħobbi, daħħaltu, qbadt il-karozza u mort nagħmel rapport l-għassa tal-pulizija, li dan reġa' ġie, għax dan diġà kienu kellmuh, isegwini. Qaluli "ħa nkellmuh." Mort l-għalqa erġajt jiena u nsib lil ommi hemm l-għalqa. Qaltli, "X'ġara Ġann, kif għandek it-trakk mgħobbi?" Għax mhix normali li tħalli t-trakk mgħobbi, nidħol bit-trakk u wara ġurnata tax-xogħol vojt. Qaltli, "X'ġara?" Għidtilha, "Għax ġie missieri reġa' warajja." Qaltli, "Iva!" Insomma. Ftit minuti wara, jiġifieri dan sakemm jien mort għamilt rapport l-għassa u erġajt ġejt, hu ġie mill-Qasam għal fejn inżomm it-trakk, għax ovvjament jaf fejn inżommu, reġa' ġie hemmhekk, tela' fuq iċ-ċint, hemm qisu ċint ta' tlett filati hekk u tilħaq iċ-ċint, għax iċ- ċint huwa għoli, iċ-ċint fih sular imma hemm tarġa ta' tlett filati, tela' fuqu*

*u beda jgħidli, "Oħroġ! Oħroġ!" u jien rajtu, kont qiegħed fuq ġewwa tal- għalqa u rajtu, beda jgħidli, "oħroġ, oħroġ, oħroġ!" u jiena ma ħriġtx. U kien hemm ommi miegħi kif qed ngħidlek għax sibtha l-għalqa. Qaltli, "ħa noħroġ inkellmu jien ħa nara x'irid." U ħarġet ommi. U jien ersaqt naqra fil- qrib biex nara x'jista' jinqala' u bdew jargumentaw huma, sewwa? bejntiehom. Kif rajt hekk jiena ħriġt għidtlu, bħal speċi "x'inqla'?!" Qalli "għax jiena ma nibżax minnek". Ommi pruvat iżżomm il- kwiet bejnietna. Ġejna wiċċ ma' wiċċ, tani daqqa ta' ponn u laqatni f'idi l-leminija. Imbagħad hemmhekk iddefendejt ruħi jiena u waqfet hemm. Fhimt? Jiġifieri iddifendejt ruħi. U ommi pruvat tferraqna, daħlet jiġifieri naqra bejnietna, jiena dħalt 'il ġewwa, ġox-xatba, hu reġa' ġie għalija u ta daqqa hekk ġox-xatba biex jerġa' jidħol għalija ġewwa jiġifieri u jiena lħaqt għalaqt ix-xatba, ommi kienet għadha barra. Imbagħad ħabbtitli ommi, daħlet ġewwa u hu telaq.*

*Imbagħad hu ċemplulu l-pulizija lilu, u qallhom li "dak ġie jsawwatni," mentri jien kont ġià mort nagħmel rapport l-għassa u reġa' ġie għalija f'dak il-punt. Dik l-istorja kollha.*

L-imputat anke ta l-verzjoni li tnizzlet fir-rapport tal-Pulizija meta huwa kien mar jirraporta l-ghassa li missieru kien qed jipprovokah meta hariglu ghan-nofs u ttenta jitlalu fit-truck tax-xoghol tieghu huwa u hiereg mil-barriera.

Jirrizulta li l-imputat ghamel dak kollu li seta sabiex jevita konfront ma' missieru tant li minflok mar jbattal il-barriera mar ipparkja t-truck il-bitha u mar l-ghassa jirraporta. Jirrizulta illi sakemm l-imputat kien l-ghassa jirraporta x'kien ghamillu missieru meta rah hiereg mill-barriera , Saviour Ellul mar jistennih l-ghalqa u dan wara li l-Pulizija kienu wissewh sabiex ma jmurx. Saviour Ellul mar u beda jhabbat max-xatba tal-hadid jsejjahlu biex johrog u jghidlu li ma jibzax minnu .

Kien f'dan il-hin li ntervjena l-imputat meta qal lill-missieru sabiex jitlaq u li ma kellux ghalfejn jigi hemm u sabiex jieqaf jkompli jipprovokah ghall-glied.

Fix-xhieda tieghu l-imputat qal li missieru kien li xejjirlu daqqa ta'ponn u hadu fi spaltu u kienet ommu li dahlet bejniethom.

L-omm tikkonferma li kienet hija li harget tkellmu barra u titolbu jitlaq l-hemm u kien huwa li sforza ruhhu sabiex jidhol mix-xatba b'mod aggressiv kontra martu tant li meta hija kienet bejn il-partijiet kwazi

tefahha mal-art.  Omm l-imputat tghid li hija spiccat bejniethom biex ma jiggildux .

Kemm l-imputat u kemm ommu kkonfermaw li kien l-missier Saviour Ellul li xejjer daqqa ta ponn lejn l-imputat u hadu fi spaltu u wara dahlet l-istess ommu bejniethom sabiex tferraqhom.

F'dawn il-proceduri inholoq dubju dwar jekk l-imputat  ikkawzax griehi fuq missieru u jekk l-missier sofra xi griehi dawn gewx ikkawzati waqt it-tilwima ta' bejniethom.

Minn esami tac-certifikat jprezentat fl-atti l-griehi li l-kwerelant jghid li soffra mhumiex dawk klassifikati fl-artikolu 216 tal Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.  Ma ngabet ebda prova li Saviour Ellul effettivament sofra min xi effett deskritt fl-artikli indikati mill-Avukat Generali fin-nota tieghu.

Ghalhekk din il-Qorti tista' serenement tikkonkludi illi fl-azzjoni tal-imputat kienu jezistu l-estremi tal-provokazzjoni u konsegwenti skuzanti skond il-ligi.  Isegwi issa li jkun diskuss in-natura tal-offiza sofferta mill-parte civile ghal-fini tad-diminuzzjoni fil-piena skond l-artikolu 231(1)(b) jew (c) skond il-kaz.   Il-parte civile mkien ma jghid li qed isofri minn xi debulizza permanenti fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem, jew difett permanenti jew sfregju gravi.

Illi fit-23 ta' Jannar 2020, Dr. Edward Basile Cherubino l-espert tal-Qorti ezamina l-ghajn tax-xellug ta' Saviour Ellul u jikkonferma li l-ferita rrappurtata minn Dr. Patrick Galea kienet fieqet kompletament u halliet ebda marki.

Illi fit-23 ta' Jannar 2020, Dr. Edward Basile Cherubino ezamina l-widna tax-xellug ta' Saviour Ellul u jikkonferma li l-ferita rrappurtata minn Dr. Patrick Galea kienet fieqet kompletament u halliet ebda marki.

Illi fit-23 ta' Jannar 2020, Dr. Edward Basile Cherubino ezamina l-id ix-xellugija ta' Saviour Ellul u jikkonferma li hemm nefha zghira fil-minkeb tax-xellug fuq il-*medial epicondyle*, konsistenti ma' *Golfer's Elbow*, li kultant ikun ta' ugigh meta taghfas.

Illi Dr. Edward Basile Cherubino jikkonferma li Saviour Ellul ghandu flessjoni u estensjoni, kif ukoll pronation u supination shiha tal-minkeb tax-xellug u qawwa shiha fl-istess id.

Illi Dr. Edward Basile Cherubino jikkonferma li l-ghadma miksura hija daqshekk zghira li ma tirrizultax fl-ebda dizabilita' permanenti ta' Saviour Ellul, u **n-nefha tal-minkeb tax-xellug tista' tkun rizultat tal-istess ksur jew minhabba strapazz zejjed fl-uzu normali ta' kuljum tal-istess minkeb**. (enfasi tal-Qorti)

Il-Qorti fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. JosepAzzopardi** deciz fit-30 ta' Lulju 2004 qalet hekk:

> **"Il-kwistjoni ta' jekk offiza hix wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad - il-magistrat - u issa f'idejn l-Imhallef sedenti). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni li tiddependi necessarjament jew esklussivament fuq 'opinjoni medika'. It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-**

**qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' x'hiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza.**

Ghalhekk ma jirrizultawx l-estremi tal-artikolu 216 tal-Kap 9 izda certament jirrizultaw dawk fl-artikolu 221 tal-istess Kap.

**Illi ma hemmx dubbju illi l-provokazzjoni li jallega l-imputat sehhet fil-mument li sehh dana l-incident jew l-agressjoni da parti tieghu mal-parti leza.**

**Preskrizzjoni**

Il-Qorti ser titratta l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-azzjoni kriminali sollevata mid-difiza. Illi l-Qorti tibda billi tinnota li l-ligi tal-preskrizzjoni tolqot is-sustanza ta′ l-azzjoni u mhux l-aspett procedurali taghha. Tirrigwarda l-fini li l-amministrazzjoni tal-gustizzja tfittex u cioé illi bniedem ma jigix ipprocessat ghal xi azzjoni wara trapass twil ta′ zmien meta l-provi li jridu jigu prodotti quddiem il-Qorti jkunu jew intilfu jew gew, per ezempju, offuskati minhabba t-telfien tal-memorja tax-xhieda li jigu prodotti.

Illi ma hemmx dubju li t-tieni imputazzjoni hija ta′ natura kontravvenzjonali w ghalhekk preskritti bil-passagg ta′ tlitt xhur mill-

kommissjoni tal-allegata kontravvenzjoni skond l-artikolu 688(f) tal-Kodici Kriminali.

Illi Artikolu 688 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

*"Bla hsara ta' fejn il-ligi tiddisponi xort'ohra, l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni – […] (f) bl-egħluq ta' tliet xhur għall-kontravvenzjonijiet, ugħall-inġurji bil-fomm suġġetti għall-pieni tal-kontravvenzjonijiet.*

Illi Artikolu 687(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

*"Iż-żmien ta' preskrizzjoni għar-rigward ta' kull reat kriminali għandu jkun sospiż mill-waqt li imputazzjoni u, jew att ta' akkuża jiġu notifikati lillpersuna akkużata jew imputata sa dak iz-zmien meta tinghata sentenza finali u definittiva fil-proċedimenti li jkunu inbdew bħala riżultat ta' dik l-imputazzjoni jew att ta' akkuża".*

***Il-***Qorti tirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Lorenzo sive Lorry Cuschieri** moghtija fit-30 ta' Ottubru 2001. Din il-Qorti tirreferi ghal dak li jghid il-Professur Mamo[18] u li kien ikkwotat fis-sentenza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Joseph Mifsud et**, Appell numru 597/2012, deciza nhar il-25 ta' Ottubru tas-sena 2018:

**"Prescription in criminal matters, however, is founded not on any tacit or presumed abandonment of one's own rights, but on the mere effect of the lapse of time which takes away the necessity and expediency of enforcing punishment. This fundamental fact gives rise to two principles.**

[18] Notes on Criminal Procedure, p. 33 – 34.

**"The first is that even when the authorities or the persons in whom the action is vested are in fact prevented from instituting proceedings, <u>either because the commission of the offence is ignored</u>, or because the offender has absconded, or on account of any other legal impediment to the exercise of the criminal action, the prescription should run all the same in virtue of the principle upon which it is founded. To this theoretical reasoning, our Code had made an important exception. Sec. 664** [illum art. 692] **lays down that in respect of crimes ... prescription does not run when the offender is unknown. This word 'unknown' has been construed as meaning a total and absolute ignorance of the identity of the offender and not any difficulty of convicting of the crime a person reasonably suspected of being the offender….**

**"In Criminal Appeal 'Formosa v. Zarb Cousin (Law Reports, Vol. XXV, Pt. iv, p. 936) it was stated that the provision that prescription does not run in respect of crimes when the offender is unknown must receive the strictest interpretation which harmonises it with the basic principles on which prescription is founded in criminal matters. <u>The rule does not apply where the commission of the crime itself is unknown to the complainant or to the prosecutor.</u> The word unknown must be understood in an absolute way and not as referable to the complainant or prosecutor alone, and it is necessary that the impossibility of discovering the offender's identity be due to the malice or practices of the offender himself and not, for**

**instance, to the absence of the complainant or prosecutor from these Islands.**

**"<u>The same principle that the ignorance of the commission of the crime itself, as distinct from the ignorance as to the author thereof, does not prevent the running of prescription was also affirmed in Criminal Appeal Police v. Coleiro, 26/7/41[19], because as the Court observed, the rule '*contra non valentem agree non currit praescriptio*' admitted in Civil Law, did not apply in criminal matters</u> (cfr. Also Cr. App. Police v. Agius, 3/2/47)."** (sottolinear f'dan il-bran ta' din il-Qorti)

Il-Qorti terga' taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Joseph Mifsud, Noel Justin sive Noel Bartolo u Maria Concetta sive Cettina Spiteri**[20] fejn intqal:

*Illi esposti dawn il-fatti probatorji, allura din il-Qorti issibha kemmxejn difficli temmen illi f'dan il-kaz setghet tezisti injoranza assoluta dwar dak li kien qed jigri. Lanqas ma jirrizulta illi l-appellati kienu permezz ta' xi maniggi jew raggiri jadoperaw xi ingann sabiex jipprovaw jahbu dak li kienu qed jaghmlu, b'sahansitra, allegatament, hafna mill-okkazzjonijiet fejn sar xi overadvancement isir fuq parir ta' Joseph Mifsud.*

*Illi mir-rapport intern li sar mid-Dipartiment jidher illi matul medda twal ta' snin kien hemm traskuragini kbira fl-operat tal-Monte di Pieta', tant illi kien hemm dokumenti importanti neqsin bhal cash*

[19] Dan kien Appell Kriminali fl-ismijiet **Lucia Farrugia v. Ganni Coleiro** deciz fis-26 ta' Lulju 1941 per Imhallef W. Harding, Vol. XXXI.iv.407.
[20] Appell Numru 597/2012, deciza nhar il-25 ta' Ottubru 2018

*register fejn jidher illi hadd ma kien induna bin-nuqqas tieghu. Nuqqas kbir iehor fl-operat tad-Dipartiment kien illi ma kienx isir assessment regolari, kif del resto titob il-ligi, tal-oggetti li jkunu gew mirghuna u ghalhekk wisq inqas kien qed isir rendikont tal-self li jsir meta l-oggetti jigu mirghuna u s-self jibqa ma jithallasx. Illi skont il-ligi dan l-ezercizzju kellu isir tal-inqas darba kull tlett snin fejn l-oggetti li ma jigux reklamati mill-gdid mis-sidien taghhom u allura is-self jibqa' ma jithallasx jigu irkantati sabiex il-Gvern ikun jista' jigbor il-flus li jkun sellef u li ma thallasx lura. Illi jidher ukoll illi l-impjegati kellhom mano libera fit-tmexxija tad-Dipartiment minghajr supervizjoni adegwata tant illi dan il-kaz kien jitratta pledges u payment vouchers li jirrisalu sahansitra sas-sena 1984, bl-ahhar irkant li isir fl-2001 jigu mirghuna oggetti li kienu ilhom f'idejn id-dipartiment sa mis-snin tmenin. Li kieku d-Dipartiment kien iktar vigilanti zgur li kemm il-vjolazzjonijiet ta' dritt li kienu qed isehhu, kif ukoll il-persuna jew persuni responsabbli ghal tali nuqqasijiet setghu facilment jigu maghrufa, kif saru maghrufa meta finalment id-Dipartiment stenbah u inbdiet investigazzjoni serja fuq l-operat tal-Monte di Pieta' u l-impjegati tieghu, u dan ghaliex in-nuqqasijiet gew ventilati lilhom mill-Irkantatur.*

*Dan ifisser illi l-Qorti ma tistax taqbel mal-lanjanza ventilata mill-Avukat Generali diretta lejn is-sentenza appellata billi hawn ma tezistix xi injoranza assoluta jew xi impediment assolut li kien izomm lill-vittma ta' dan ir-reat milli jinduna b'dak li kien qed isehh taht imniehru!*

*Illi anke jekk gratia argomenti din il-Qorti kellha taghti ragun lill-Avukat Generali u cioe' illi l-preskrizzjoni setghet tibda tidekorri biss*

*minn Mejju 2001, xortawahda ir-reati addebitati liz-zewg appellati Bartolo u Spiteri huma preskritti billi jidher illi mhux biss id-Dipartiment tal-Monte di Pieta kien baqa' inattiv ghal diversi snin, izda din l-inattivita' ghaddiet sahansitra ghand il-Pulizija li damu hames snin biex jikkonkludu investigazzjoni li kienet tohrog mid-dokumenti ufficjali tad-Dipartiment. Fil-fatt ghalkemm illum il-gurnata l-istqarrija rilaxxjata mill-appellati ma ghandiex aktar valur probatorju, madanakollu din il-Qorti ma tistax tonqos milli tosserva illi l-appellati Spiteri u Bartolo gew l-ewwel darba mitkellma mill-pulizija fit-18 u il-25 ta' Frar 2003 u cioe' kwazi sentejn wara li kienu bdew l-investigazzjonijiet kriminali fuq il-kaz.*

*Illi dwar ir-reati li jaqghu taht id-disposizzjonijiet tal-artikolu 138 u 189 tal-Kodici Kriminali billi dawn ma igorrux piena li teccedi is-sena prigunerija, kwindi l-azzjoni penali taqa' bid-dekors ta' sentejn, perijodu ta' zmien li zgur lahaq idekorra mill-2001. Illi fir-rigward ta' dawk ir-reati mahsuba fl-artikoli 125,126, 180 u 188 tal-Kodici Kriminali u li allura igorru perijodu preskrittiv ta' hames snin, ghandu johrog mill-atti illi l-ewwel darba li d-Dipartiment jidher li gie ufficjalment avzat bin-nuqqasijiet li kienu qed isehhu, (ghalkemm seta' facilment jinduna bihom hafna qabel) kien fid-19 ta' Mejju 2001. F'din id-data jidher illi t-tlieta minn nies li kienu jokkupaw il-kariga ta' Keepers and Appraisers of Pledges kienu Joseph Mifsud li kienu ilu jokkupa din il-kariga sa mit-tmeninijiet meta kien ghamel snin jokkupa dina l-kariga wahdu, u Spiteri u Bartolo, l-appellati odjerna sa mis-snin 1992/1993. Illi allura din kienet id-data meta Louis Sant'Angelo bhala Konslu Anzjan fil-Monte di Pieta sar jaf illi kien hemm dawn in-nuqqasijiet, ghalkemm Santucci jixhed illi kien diga' gharrfu b'dan*

*informalment u mhux bil-miktub sentejn qabel. Tant hu hekk illi fit-23 ta' Mejju 2001 huwa informa lis-superjur tieghu u cioe' lil Anthony Imbroll id-Direttur li minn naha tieghu fittex il-parir tal-Avukat Generali. Kwindi anke il-hames snin kienu lahhqu iddekorrew u dan sal-gurnata meta l-appellati gew innotifikati bic-citazzjoni fis-26 ta' Mejju 2001.*

Min esami tat-Tahrika hemm it-timbru li jgib d-data tat-tmienja (8) ta'Awissu 2019 bhla d-data ta'meta saret l-akkuza mill-Prosekuzzjoni li zgur hija data oltre it- tlett (3) xhur previzti. Mit- 18 ta Frar 2019 sat – 8 ta Awissu 2019 ghaddew kwazi sitt xhur.

Mehud dan kollu in konsiderazzjoni, il-Qorti ma ghandha jibqghalha l-ebda dubju li effettivament t-tieni (2) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat hija fil-fatt preskritta ai termini ta' Artikolu 688(f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dana in vista tal-fatt li, kif jirrizulta hawn fuq, ghadda z-zmien previst mil-ligi.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-mottiv l-Qorti ma ssibx lill-imputat hati tat-tieni-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tilliberah minnha u wara li rat artiklu 221 u 227(c) tal-Kap 9 issibu hati tal-ewwel akkuza izda biss li kkaguna ferita hafifa u bl-iskuzant tal-provokazzjoni u bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tilliberah bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor sa żmien sitt xhur millum.

Il-Qorti ghaddiet biex tfisser fi kliem car l-obbligi tal-imputat naxxenti minn din is-sentenza.

---

**Dr. Joseph Mifsud**

**Magistrat**

Margaret De Battista

Deputat Registratur